VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 139, 17 ta' Settembru, 2013
Taqsima B

A.L. 279 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont ir-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.113

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tieni proviso għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, meta jistabbilixxi l-perjodu ta' staġun tal-insib fil-Ħarifa, il-Ministru għandu jistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun għal kull waħda mill-ispeċi rilevanti, u jista' wkoll jiddeċiedi jekk jistabbilixxix il-kwota komplessiva individwali għal kull ġurnata għal kull liċenza u l-kwota komplessiva individwali għall-istaġun għal kull liċenza li għandhom ikunu permissibbli għal dik id-deroga li tiftaħ l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (b) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tispeċifika l-kwota komplessiva ta' għasafar għal kull ġurnata u l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għal kull liċenza, iżda biss jekk tali kwoti jkunu ġew stabbiliti mill-Ministru;".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jissostitwixxi r-referenzi għal "Direttur" fir-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 2 (fit-tifsira ta' "xagħri"), fis-subregolamenti (1) u (4) tar-regolament 4, fil-paragrafi (d), (g) u (j) tar-regolament 6, u fis-subregolament (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mid-Direttur" jew "lid-Direttur", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "mill-Wild Birds Regulation Unit" jew "lill-Wild Birds Regulation Unit", rispettivament.